**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 12 t' April, 2022

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

### AĠENDA Numru 42

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 42 li ser tinżamm fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar it-Tlieta 19 t' April, 2022 fil-17:30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet*.

**IFFIRMATA**

**Stephania Grixti**
Deputat Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

42.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
42.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
42.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
42.5 Rapporti;
42.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
42.7 Aġġornament dwar l-Ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv u Uffiċjal Ezekuttiv mal-Kunsill Lokali;
42.8 Aġġornament dwar Tender for the Cleaning of Public Conveniences in the Locality of Qrendi, in an Environmentally Friendly Manner;
42.9 Aġġornament dwar Tender għal Servizz għal Tindif ta' Toroq Mhux Urbani u Siti Oħra fil-Qrendi;
42.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
42.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-42 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta, 19 t' April, 2022 fil-17:30, f'7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, u spiċċat fis-18:30.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Stephania Grixti |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

42.1 __QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA__

42.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 42.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

42.2.1 Il-Minuti tal-31 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu ppropunuti mill-Kunsillier Charles Zerafa.

41.2.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondat l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 42.2.1 MATTERS ARISING

42.2.1.1 Is-Sindku nforma l-kamra li l-ex Segretarju Eżekuttiv ħassu offiċ li ngħta 5% tal-performance bonus u mhux 10% u saqsa jekk ir-rapport intbagħatx lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

42.2.1.2 Is-Sindku saqsa lill-kamra sabiex jgħaddulu l-kummenti tagħħhom sabiex jitniżlu fir-rapport. Saret diskussjoni fir-rigward fejn il-kumplament tal-Kamra ma qablitx li huma għandhom jagħtu l-kummenti tagħhom peress li dan ir-rapport suppost isir mis-Sindku u jiġi mressaq fil-kamra u approvat skont ir-rakkomandazzjonijetli jagħmel huwa stess.

42.2.1.3 Fuq qbil unanimu ser issir laqgħa b'urġenza nhar il-Ħamis 5 ta' Mejju 2022 fil-17:00 sabiex jiġi ppreżentat ir-rapport miktub mis-Sindku.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 42.3, 42.4 u 42.5 jiġu diskussi wara Minuta 42.9 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

42.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

42.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li qed nistennew lill-Perit sabiex jgħaddilna l-istimi fir-rigward tad-disinn interjuri, servizzi u l-bandli.

42.6.2 Huwa talab li dawn jiġu approvati fil-laqgħa urġenti li ser issir nhar il-Ħamis 5 ta' Mejju u għalhekk issir line item fl-aġenda għaliha.

42.6.3 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

42.7 **AĠĠORNAMENT DWAR L-INGAĠĠ TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV U UFFIĊJAL EŻEKUTTIV MAL-KUNSILL LOKALI**

42.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara li l-Kunsill bagħat id-dokumentazzjoni li kienet mitluba mi-Dipartiment tal-Gvern Lokali, wara ħafna irċivejna komunikat fejn qalu li l-persuna ma għandhiex 5 snin esperjezna hekk kif mitlub fil-linja gwida u talbu dokumentazzjoni li turi tali esperjenza.

41.7.1.1 Il-persuna in-kwistjoni ġiet mgħarfa dwar dan u ingħatat ġimgħa ċans sabiex tipprovdi tali dokumentazzjoni. Fin-nuqqas ta' tali dokumentazzjoni, il-Kunsill ma jkollux għażla oħra ħlief li nerġaw noħorġu s-sejħa.

41.7.2 Fir-rigward tal-Uffiċjal Eżekuttiv l-kamra ġiet infurmata li mid-29 kandidat li ppreżentat l-Jobsplus, ebda persuna ma uriet interess li tissottometti applikazzjoni.

41.7.2.1 Persuna oħra minbarra dawk tal-Jobsplus uriet interess pero ma setgħetx tiġi aċċettata minħabba nuqqas ta' kwalifiki. Għalhekk il-Kunsill ser jerġa joħroġ is-sejħa fuq il-media soċjali u fuq il-portal tat-Times of Malta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 42.08 AĠĠORNAMENT DWAR TENDER FOR THE CLEANING OF PUBLIC CONVENIENCES IN THE LOCALITY OF QRENDI, IN AN ENVIRONMENTALLY FRIENDLY MANNER

42.08.1 Is-Sindku David Schembri informa l-kamra l-perjodu tal-appell wara s-sentenza tal-bord intemm u għalhekk bħala Kunsill nistgħu nipproċedu. Huwa rrakomanda li b'effett mill-1 ta' Mejju, 2022 nibdew naħdmu bil-kuntrattur li oriġinarjament rebaħ it-tender. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 42.09 AĠĠORNAMENT DWAR TENDER GĦAL SERVIZZ GĦAL TINDIF TA' TOROQ MHUX URBANI U SITI OĦRA FIL-QRENDI

42.09.1 Is-Sindku David Schembri nforma l-kamra li l-bord tal-aġġudikazzjoni ma ltaqax minħabba li wieħed mill-membri ingħata kariga f'Ministeru u għalhekk ma jistax ikun parti mill-bord tal-aġġudikazzjoni.

42.09.2 Huwa kompla jgħid li għad ma hemmx persuna oħra biex tkun parti mill-bord u talab li kif ikolna l-isem ta' din il-persuna tiġi approvata permezz ta' e-mail li ser tkun qed tintbagħad lill-Kunsilliera

42.09.3 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 42.03 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

42.3.1 Is-Sindku nforma l-kamra li rċivejna stedina minn Andrychow il-Polonja sabiex żewġ delegati mill-Kunsill Lokali Qrendi jattendu għal attivita li ser ikollom bejn l-24 u 26 ta' Ġunju 2022. Għalhekk huwa saqsa jekk hemmx min hu interessat li jitla miegħu f'dawn il-ġranet. Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li ser ikun qed jagħti risposta fir-rigward.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

42.3.1.1 Huwa kompla jgħid li jkun ġust li bħala Kunsill nirreċiprokaw l-istedina u nistidnuhom għal xi attivita' li jkolna fir-raħal tagħna. Qaql ukoll li ser ikun qed jagħmel kuntatt mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jara jistgħux jgħinuna bħala fondi.

42.3.2 Is-Sindku tkellem dwar miżura tal-GAL Xlokk fir-rigward ta' restawr. Huwa ppropona li napplikaw sabiex jiġi rrestawrat l-inkwatru ta' Suor Maria De Domenico li jinsab fis-Santwarju tal-Ħniena u li huwa jkun il-project leader ta' dan il-proġett.

42.3.2.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

42.3.3 Is-Sindku nforma l-kamra li Triq Ħal Lew, Infrastructure Malta lestiet anke l-parti li ma kinitx saret qabel.

42.3.4 Tkellem ukoll dwar Triq il-Ġwiewel fejn informa l-kamra li s-sid tal-barriera issa jidher li ma jridx li l-ilma jiskula ġol-barriera tiegħu. Minħabba dan issa qed jerġaw jiġu riveduti l-pjanijiet sabiex naraw kif tistgħa tiġi solvuta l-problema tal-ilma li jinġabar minħabba x-xita.

## 42.4 <u>TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI</u>

42.4.1 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkelmet dwar il-Korsijiet tal-Lifelong Learning fejn issuġġeriet li napplikaw għal xi korsijiet. Għandha ssir komunikazjoni mal-Kappillan sabiex naraw nistgħux nużaw l-uffiċċju parrokkjali u wara tkun tistgħa ssir l-applikazzjoni għal numru ta' korsijiet.

42.4.2 Il-Kunsilliera Maroin Parnis tkelmet ukoll dwar saqsiet ukoll jekk nistgħux ngħinu fl-inizjattiva 'Read with Me'. Hija ġiet infurmata li l-Kunsill għadda lil organizzaturi d-dettalji tal-Uffiċju Parrokkjali sabiex jaraw ikunux jistgħu jużaw is-sala tagħhom.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 42 .5 RAPPORTI

42.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti mill-Kunsillieri preżenti.

## 42.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

42.10.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Stephania Grixti resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €19,648.72 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 04/22 u €114.31 skont il-Petty Cash Ref Z/03.

42.10.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet jiġu approvati.

42.10.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia issekondaw din il-proposta.

42.10.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 42.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

42.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-18:30 u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 18 ta' Mejju, 2022 fil-17:30.

**Stephania Grixti**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**